

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/263

tal-25 ta' Frar 2016

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-titolu tal-kategorija tal-ikel 12.3 Hall

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Din il-lista tista' tīgħi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara talba.
- (3) Il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel ġiet stabbilita abbażi tal-addittivi tal-ikel permessi għall-użu fl-ikel skont id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE⁽³⁾, 94/36/KE⁽⁴⁾ u 95/2/KE⁽⁵⁾ u wara li ġiet analizzata l-konformità tagħhom mal-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Il-lista tal-Unjoni tinkludi l-addittivi tal-ikel abbażi tal-kategoriji tal-ikel li jistgħu jiżdiedu magħhom.
- (4) Fil-Parti D tal-lista tal-Unjoni, il-kategorija 12 tkopri mluħa, ħwawar, sopol, zlazi, insalati u prodotti tal-proteina u tinkludi s-sottokategorija 12.3 — Hall. Il-Parti E tal-lista tal-Unjoni tistabbilixxi l-addittivi awtorizzati li ġejjin fil-kategorija tal-ikel 12.3: L-addittivi tal-Grupp I, karamelli (E 150a-d) u dijossidu tal-kubrit — sulfiti (E 220-228) fil-hall iffermentat biss.
- (5) Aċidu aċetiku (użat ukoll bħala addittiv tal-ikel E 260) meta dilwit bl-ilma (4-30 % bil-volum) jista' jintuża bħala ikel jew ingredjent tal-ikel bl-istess mod bħal hall minn oriġini agrikola.
- (6) F-xi Stati Membri, il-hall li jinkiseb mill-fermentazzjoni ta' prodotti agrikoli biss għandu l-permess li jissejjaħ "hall". Fi Stati Membri oħra, madankollu, iż-żewġ prodotti miksuba wara li jiġu miżjudha bl-ilma ta' aċidu aċetiku u hall miksuba mill-fermentazzjoni ta' prodotti agrikoli huma kkummerċjalizzati taħt id-denominazzjoni ta' "hall".
- (7) Minn diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Governattivi dwar l-Addittivi ħareġ li hemm ħtieġa teknoloġika ekwivalenti għal addittivi tal-ikel u ta' aċidu aċetiku dilwit u għal hall minn oriġini agrikola. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi rivedut it-titolu tal-kategorija tal-ikel 12.3 "Hall" biex jiġi jiġi spċifikat li dan jinkludi aċetiku dilwit (mħallat bl-ilma sa 4-30 % bil-volum) li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem sabiex jiġi żgurat li jkun hemm trasparenza u ċertezza legali dwar l-użu ta' addittivi tal-ikel f'dan l-ikel.
- (8) Id-Database Ewropea Komprensiva dwar il-Konsum tal-ikel⁽⁶⁾ tal-Awtoritāt Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtoritāt") tipprovd informazzjoni dwar il-konsum tal-ikel madwar l-Unjoni Ewropea. L-istatistika tinkludi d-data dwar il-konsum tal-ikel ta' hall ta' oriġini agrikola li jitqies meta l-Awtoritāt twettaq il-valutazzjoni tal-esponenti.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu fuġġetti tal-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 3).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/36/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel (ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa (ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1).

⁽⁶⁾ <http://www.efsa.europa.eu/en/datexfoodcdb/datexfoodebb.htm>

Billi l-aċidu aċetiku dilwit jintuża fl-istess mod bħal hall minn oriġini agrikola, mhuwiex mistenni li l-emenda proposta rigward it-titlu tal-kategorija tal-ikel 12.3 jkollha impatt fuq l-esponenti għal addittivi awtorizzati għall-użu f'dik il-kategorija tal-ikel.

- (9) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni trid tfitteż li tikseb l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-inklużjoni tal-użu tal-aċidu aċetiku dilwit fil-kategorija tal-ikel 12.3 fil-Parti E u fil-Parti D tal-lista tal-Unjoni tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq saħħet il-bniedem, m'hemmix bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.
- (10) Għaldaqstant l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fil-Parti D u E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 l-annotazzjoni dwar il-kategorija tal-ikel 12.3 tinbidel b'dan li ġej:

“12.3	Hall u aċidu aċetiku dilwit (mħallta bl-ilma sa 4-30 % skont il-volum)”
-------	---